MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1371/2002/1

***Eurocraft Limited***

***vs***

***Adam Jones u Dr. Mark Busuttil nominat b'digriet tat-13 ta' Awissu 2002 bhala kuratur deputat ghan-nom ta' l-assenti Spencer Seeley, ezercenti l-kummerc taht l-isem tad-ditta "Jones and Seeley Interiors".***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li l-konvenuti et. nomine jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u sitta u tmenin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm586.75c), rappresentanti bilanc minn somma akbar dovuta in

konnessjoni ma' xiri ta' materjal konsistenti fi skirting minnghand is-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-25 ta’ Marzu 2002 u tar-rikors ghan-nomina ta’ kuratur deputat ipprezentat kontestwlament u bl-imghaxijiet legali b’effett mid-data tal-konsenja u cioe’ mis-27 ta’ April 2000 kontra l-konvenuti et. nomine.

Ra li b’digriet tat-13 ta’ Awissu 2002, gie nominat l-Avukat Dr. Mark Busuttil biex jirrapprezenta lill-konvenut assenti Spencer Seeley li pprezenta r-risposta tieghu fis-6 ta’ Settembru 2002 fejn huwa eccepixxa illi ma kienx edott mill-fatti tal-kaz u rriserva li jressaq l-eccezzjonijiet tieghu aktar ‘il quddiem.

Ra illi l-konvenut Adam Jones ghalkemm debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Tanya Sammut ghan-nom tas-socjeta’ attrici, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ra illi l-kuratur deputat Dr. Mark Busuttil baqa’ ma pprezentax eccezzjonijiet fil-mertu u lanqas ma ressaq provi fir-rigward tat-talba attrici.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-Dokument A anness ma’ l-avviz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti et. nomine. jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u sitta u tmenin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm586.75c) bl-imghaxijiet legali mis-27 ta’ April 2000.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-25 ta’ Marzu 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti et.nomine.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**